**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 6 ta' Dicembru 2022**

Rikors Numru: 293/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1317/2018)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".
2. Illi l-partijiet ilhom separati sa mit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bhala "Dokument B" fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi;

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin;

4. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

5. Illi kollox konfermat fl-affidavit anness "Dokument C".

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha kkonfermat:-

1. Illi l-konenuta ma topponix ghat-talba maghmula mir-rikorrent zewgha ghal ħall taż-żwieġ tagħhom u taqbel illi l-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti kif korrettament senjalat mir-rikorrent fit-talba promotur tiegħu. Illi l-konvenuta qegħda tannetti l-affidavit tagħha dwar daqshekk (Dok. SC);
2. Illi l-konvenuta m'ghandhiex pero` tbati l-ispejjez ta' dawn il-proċeduri peress illi t-talba odjerna ġiet promossa mir-rikorrent u għandhom jiġu mħallsa minnu.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Lulju 2022;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:-

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Ottubru 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom u ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.